**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**9 TA' ĠUNJU, 2023**

**Rik. Kost. 129/2023 RGM**

**Eucharistica Mercieca; Andrew Mercieca;**
**Salvina sive Sylvana Bianco u Josephine sive Josette Mercieca**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa provvediment dwar żewġ rikorsi intavolati mill-intimat Avukat tal-Istat fejn qed jitlob li żewġ kawżi oħra pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta jiġu mismugħa flimkien mal-kawża odjerna ai termini tal-Artikolu 793 (1) tal-Kap. 12.

2. Rat iż-żewġ rikorsi tal-Avukat tal-Istat tal-25 ta' Mejju, 2023 u tal-31 ta' Mejju, 2023 rispettivament, li permezz tagħhom talab illi l-kawżi Mercieca Eucharistica et. v. Avukat tal-Istat et. (128/23TA) u Mercieca Eucharistica et. v. l-Avukat tal-Istat (126/23MH) jiġu mismugħa flimkien mal-kawża odjerna ai termini tal-Artikolu 793 (1) tal-Kap. 12 għaliex isostni illi bejn dawn it-tlett kawżi hemm konnessjoni qawwija ta' suġġett u għalhekk ikun fl-aħjar interess tal-ekonomija tal-ġustizzja illi dawn jinstemgħu kollha f'daqqa. Spjega illi t-tlett kawżi jirreferu rispettivament għal tlett appartamenti fl-istess blokk ta' appartamenti ġewwa Vittoriosa. Iqis għalhekk illi jirriżultaw l-estremi kontemplati fl-Artikolu 793 (1) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi meta bejn żewġ kawżi jew aktar imressqin quddiem qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżżjoni ta' waħda tista' tolqot id-deċiżjoni tal-oħra jew tal-oħrajn, il-qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħa flimkien.

3. Fis-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2023 l-avukat tal-atturi iddikjara illi ma għandu l-ebda objezzjoni illi l-qorti tordna l-konnessjoni tal-kawżi sabiex it-tlett kawżi jinstemgħu flimkien.

Ikkunsidrat;

4. Jirriżulta illi it-tlett kawżi ġew intavolati mill-istess atturi kontra l-istess konvenut. Jirriżulta wkoll illi hemm konnessjoni ta' suġġett peress illi fit-tlett kawżi l-atturi, qua sidien, qed jilmentaw illi bl-operat tal-Artikolu 12 u/jew l-Artikolu 12B tal-Kap. 158 kif emendati, u l-operat tal-liġijiet viġenti taw dritt ta' lokazzjoni lill-inkwilini rispettivi bil-konsegwenza li ġie leż il-jedd fundamentali tagħhom protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

5. Meta hemm <u>konnessjoni ta' suġġett</u> bejn tnejn jew aktar kawżi pendenti jew meta d-deċiżżjoni f'kawża <u>tista' tolqot</u> id-deċiżżjoni f'kawża oħra pendenti, l-Qorti <u>tista'</u> tikkunsidra li tordna li l-kawżi jinstemgħu flimkien (**Artikolu 793 Kap. 12**). Hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tordnax il-konnessjoni tal-kawżi; b'differenza meta tiġi

mressqa l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* fejn huwa miżmum illi għalkemm **Artikolu 792** jipprovdi illi meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra. Inżamm illi fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* li tiġi akkolta, għalkemm il-liġi tħalli għażla lill-Qorti jekk tgħaddix jew le t-tieni kawża lill-Qorti li qiegħda tisma' l-ewwel kawża fuq l-istess mertu, tali għażla mhux suppost tibqa' jekk kemm-il darba l-elementi tal-*litis pendentia* jseħħu u jiġu pruvati wara li tittella' eċċezzjoni bħal dik (**Aaron Haroun v. l-Onor. Prim Ministru et.** - Prim' Awla - 8 ta' Ġunju, 2017).

6. Huwa għalhekk illi b'differenza għall-eċċezzjoni tal-konnessjoni tal-kawżi, l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* hija meqjusa bħala perentorja tal-ġudizzju u li l-elementi kostitutivi tagħha jixxiehbu mal-eċċezzjoin tar-*res judicata*. L-eċċezzjoni tal-*litis pendentia* hija meqjusa bħala eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju; mhux l-istess l-eċċezzjoni ta' konnessjoni ta' kawża ma' oħra.

7. Fil-kawża odjerna l-intimat Avukat tal-Istat, konvenut fit-tlett kawżi imsemmija, ssottometta illi hemm konnessjoni ta' suġġett peress illi t-tlett kawżi jirrigwardaw tlett appartamenti fl-istess blokka. Jgħid illi ladarba l-atturi fit-tlett kawżi huma l-istess fejn qed jitolbu li jingħataw rimedju minħabba allegat leżjoni tal-jedd fundamentali tagħhom inkluż danni pekunjarji; ikun fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li t-tlett kawżi jinstemgħu flimkien.

8. Fis-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2023 l-avukat tal-atturi iddikjara illi l-atturi mhux jopponu t-talba tal-Avukat tal-Istat sabiex il-Qorti issejjaħ quddiemha ż-żewġ kawżi l-oħra ħalli t-tlett kawżi jiġu mismugħa flimkien.

9. Il-Qorti rat it-talbiet u l-premessi taż-żewġ kawżi l-oħra u tagħraf illi għalkemm it-tlett kawżi jitrattaw rispettivament tlett appartamenti differenti, hemm konnessjoni ta' suġġett fit-tlieta li huma fejn qed jitresqu talbiet simili fir-rigward tat-tlett

appartamenti u ċioe' li l-kera imposta mil-liġijiet impunjati hija leżiva tal-jeddijiet fundamentali tal-atturi.

10. Fattur sekondarju iżda ta' rilevanza huwa l-fatt illi fit-tlett kawżi il-mertu rispettiv jirrigwarda appartament fl-istess blokk ta' appartamenti iżda wkoll li t-talbiet fit-tlett kawżi huma msejsa fuq premessi simili. Il-Qorti qieset illi jkun konduċenti għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja jekk it-tlett kawżi jinstemgħu flimkien mhux biss għaliex kif rajna hemm konnessjoni ta' suġġett iżda wkoll għaliex huwa evidenti illi l-maġġorparti tal-provi f'kawża ser ikunu rilevanti fil-kawżi l-oħra.

11. Il-Qorti tat piż ukoll in-non opposizzjoni espressa tal-atturi fir-rigward tat-talba tal-Avukat għall-konnessjoni tat-tlett kawżi.

12. Il-Qorti għalhekk tqis illi jirriżultaw l-estremi tal-konnessjoni ta' kawża ma' oħra ai termini tal-Artikolu 793 tal-Kap. 12.

13. B'differenza meta tiġi sollevata u l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* li għandha titressaq quddiem il-qorti li tkun qed tisma' l-kawża li ġiet intavolata l-aħħar; it-talba għall-konnessjoni tal-kawżi tista' titressaq quddiem kull waħda mill-qrati li tkun qed tisma' xi waħda mill-kawżi b'suġġett konness, indipendentement liema kawża tkun ġiet intavolata l-ewwel jew l-aħħar. Fil-kawża odjerna it-tlett kawżi ġew intavolati fl-istess jum tal-14 ta' Marzu, 2023 u għalhekk fi kwalunkwe każ tali konsiderazzjoni ma hiex ta' siwi fid-determinazzjoni tat-talba tal-Avukat tal-Istat.

14. Digriet dwar tintlaqax jew le talba għall-konnessjoni ta' kawża ma' oħra mhux meħtieġ li jingħata fil-miftuħ u lanqas huwa appellabbli qabel l-għoti tas-sentenza definittiva (**Art. 229 (1) (h) Kap. 12**)

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tipprovdi dwar iż-żewġ rikorsi tal-Avukat tal-Istat ippreżentati fil-25 ta’ Mejju, 2023 u fil-31 ta’ Mejju, 2023 rispettivament billi,

1. Tiddikjara illi jirriżulta konnessjoni ta’ suġġett fit-tlett kawżi numri 126/23MH, 128/23TA u l-kawża odjerna fit-termini tal-Artikolu 793 tal-Kap. 12;

2. Tordna li t-tlett kawżi jinstemgħu flimkien;

3. Konsegwentement issejjaħ għall-quddiemha iż-żewġ kawżi l-oħra fuq imsemmija u cioe’ fl-istess ismijiet bin-numri 126/2023 MH u 128/2023 TA sabiex it-tlett kawżi jinstemgħu flimkien;

4. Tordna li kopja ta’ dan id-digriet tiġi komunikata lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali;

**Mogħti kameralment illum 9 ta’ Ġunju, 2023.**

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**